# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April 2019**

**Kawza Numru : 14**
**Rikors Guramentat Numru : 966/2018/LSO**

**Ali Aburukba ID 0170981A ghan-nom u in rapprezentanza ta' ibnu minuri Almotasm Bellah Aburukba ID 4646121 u b' digriet tat-22 ta' Novmebru 2018 il-Qorti ordnat l-intervent fil-kawza ta' omm il-minuri Towraya Benyounas u tahtar konguntivament lil genituri bhala kuraturi *ad litem* tal-minuri**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors Ali Aburukba nomine datat 1 ta' Ottubru 2018 fejn espona :-

Illi l-minuri Almotasem Bellah Aburukba twieled f' Tripoli, Libya nhar is-sittax (16) ta' Jannar tas-sena 2001 u t-twelid tal-istess Almotasem Bellah Aburukba gie rregistrat hawn Malta nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena 2012. Kopja tal-Att tat-Twelid li jgib in-numru 4946/2012 qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A';

Illi meta gie registrat dan it-twelid, il-genituri tal-minuri Almotasem Bellah Aburukba kienu prezentaw lid-Direttur tar-Registru Pubbliku traduzzjoni mil-lingwa Gharbija ghal dik Maltija tac-certifikat tat-twelid tal-istess minuri mahrug mill-Ufficcju tar-Registru Civili fi Tripoli, Libya, u minn fuq liema dokument tradott huwa prezunt illi nhargu d-dettalji tac-certifikat tat-twelid riflessi fic-certifikat mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Illi jirrizulta li ghal xi raguni, aktarx minhabba it-traduzzjoni difettuza tac-certifikat tat-twelid originali, jirrizultaw diversi

zbalji fic-certifikat tat-twelid mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku. Dawn l-izbalji huma riflessi fix-xahar tad-data tat-twelid u kif ukoll fl-isem u l-kunjom moghti lill-minuri hawn fuq imsemmi u anke fil-kunjom ta' missier it-tarbija;

Illi peress li l-Att tat-Twelid tal-minuri Almotasm Bellah Aburukba jgorr dan-numru ta' skoretezzi, dawn l-iskoretezzi jirriflettu f'dokumenti ohra tieghu bhal perezempju fil-passaport Malti tal-istess minuri;

Illi *in vista* ta' dan kollhu, l-genituri tal-minuri ottjenew traduzzjoni gdida u korretta tac-certifikat tat-twelid originali tal-minuri msemmi, u cioe` tac-certifikat irregistrat gewwa l-Ufficcju tar-Registru Civili fi Tripoli, Libya, liema traduzzjoni apostillata qieghed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok B';

Illi t-tali inkonsistenzi qieghdin jikkawzaw diffikultajiet prattici lil minuri Almotasm Bellah Aburukba u ghalhekk huwa ghandu interess skont il-ligi sabiex *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ssir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-twelid tal-istess minuri;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

a) Tiddikjara li hemm il-htiega li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 4946/2012, fis-sens illi d-dettalji fil-kolonna 'Il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena' ghandhom

jigu kkancellati u sostitwiti sabiex jigu jaqraw 'Tue. 16 January 2001', u dan kif rifless fit-traduzzjoni apostillata tac-certifikat tat-twelid mahrug mill-ufficcju tar-registru civili gewwa Tripoli, Libya;

b) Tiddikjara li hemm il-htiega li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 4946/2012, fis-sens illi d-dettalji fil-kolonna 'Ismijiet moghtijin' ghandom jigu kkancellati u sostitwiti sabiex jigu jaqraw 'Almotasm Bellah Ali Ahmed', u dan kif rifless fit-traduzzjoni apostillata tac-certifikat tat-twelid mahrug mill-ufficcju tar-registru civili gewwa Tripoli, Libya;

c) Tiddikjara li hemm il-htiega li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 4946/2012, fis-sens illi d-dettalji fil-kolonna 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' ghandhom jigu kkancellati u sostitwiti sabiex jigu jaqraw **'Almotasm Bellah Aburukba'**, u dan kif rifless fit-traduzzjoni apostillata tac-certifikat tat-twelid mahrug mill-ufficcju tar-registru civili gewwa Tripoli, Libya;

d) Tiddikjara li hemm il-htiega li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 4946/2012, fis-sens illi d-dettalji fil-kolonna 'Isem u kunjom missier it-tarbija' ghandhom jigu kkancellati u sostitwiti sabiex jigu jaqraw **'Ali Aburukba'**, u dan kif rifless fit-traduzzjoni apostillata tac-certifikat tat-twelid mahrug mill-ufficcju tar-registru civili gewwa Tripoli, Libya;

e) Konsegwentement tordna illi fl-Att tat-Twelid odjern isiru l-annotazzjonijiet mehtiega fis-sens kif spjegat fil-paragrafi (a) (b) (t) u (d) u dan sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu aktar 'il quddiem minhabba din l-iskorettezza.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Novembru 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 16 ta' Novembru 2018 (fol 18) fejn l-Avukat Dr Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur tieghu bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma s-segwenti:

1. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

2. Illi jidher li l-minuri twieled fi Tripoli, l-Libja fis-sena 2001 u sussegwentament tali twelid gie registrat gewwa Malta *ai termini* tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi l-esponent irregistra l-Att tat-Twelid tal-minuri wara talba maghmula taht l-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 1'. Flimkien mat-talba li saret, gew forniti wkoll id-dokumenti kollha mehtiega, *inter alia*, l-Att tat-Twelid esteru u t-traduzzjoni tal-istess, hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 2 u Dok. DRP 3'. Ghaldaqstant l-esponent wara li kien

sodisfatt li r-rekwiziti tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti, ghadda ghar-registrazzjoni tal-istess Att billi *ad verbatim* giet imnizzla l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att esteru. Dan ifisser illi *stante* li fl-Att tat-Twelid esteru, u dan skont it-traduzzjoni fornita lid-Direttur konvenut: (i) id-data tat-twelid giet mnizzla bhala "16 June 2001 ", (ii) l-isem moghti u l-isem li bih ghandu jigi msejjah il-minuri kellu jkun "Almoatsembellah Ali Aburokba", u (iii) isem il-missier gie mnizzel bhala "Ali Aburokba", id-Direttur kellu l-obbligu li fir-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid, inizzel l-istess informazzjoni;

4. Illi stante s-suespost u kif ukoll mid-dokumenti ezebiti mill-esponent, ma jirrizultax mill-Att ta' Twelid tal-minuri, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 4', li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 4946 tas-sena 2012, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

5. Illi l-esponent, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza huwa jirrimetti ruhu, salv li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi. Ghaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma illi fis-sitwazzjoni jkun idoneju illi l-attur jipprezenta l-Att tat-Twelid originali tal-minuri, mahrug mill-Aworitajiet Libjana, sabiex b'hekk din l-Onorabbli Qorti tkun f' pozizzjoni li tistrada din l-azzjoni hekk kif jidhrilha xieraq u opportun;

6. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex

attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ngunt insubizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma, nkluz dak tat-Tlieta 9 ta' April 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Catherine Mifsud li assocjat ruhha fil-patrocinju tal-attur. Dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Dehru l-atturi. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport u ddikjaraw li l-provi huma maghluqa. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fit-8 ta' Ottubru 2018 (fol 17).

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li jigi korrett l-isem u d-data tat-twelid ta' binhom minuri fl-att tat-twelid numru 4946/2012. Qed jintalab ukoll, jigi korrett, l-isem ta' missier il-minuri fl-istess att tat-twelid.

Ikkonsidrat, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi din hija registrazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-kap 16** li jiddisponi li:

*"**244**.(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' Mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi f'kazijiet simili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-twelid jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz iehor, dan jigi registrat skont id-dettami tal-istess artikolu 244, billi jigi riprodott dak imnizzel fic-certifikat esteru. Illi hija proprju f'dan is-sens, it-

tielet eccezzjoni tad-Direttur intimat, fejn gie eccepit, li stante li skont it-traduzzjoni fornita lid-Direttur intimat, Dok DRP2 u DRP3, id-data tat-twelid giet imnizzla bhala 16 ta' Gunju 2001, l-isem tal-minuri gie indikat bhala "Almoatsembellah Ali Aburokba", u isem il-missier gie mnizzel bhala "Ali Aburokba".

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Illi r-rikorrenti esebiet mar-rikors promotur, traduzzjoni apostillata tac-certifikat tat-twelid originali tal-minuri Almotasm Bellah Aburukba rregistrat gewwa l-ufficju tar-Registru Civili fi Tripoli l-Libya. Huwa dan ic-certifikat, li jista' jaghti l-informazzjoni mehtiega sabiex il-Qorti tkun tista' tasal ghall-apprezzament finali tat-talbiet odjerni.

Ghal dan l-iskop, il-Qorti nnominat lil Nadia Lanzon, bhala esperta fit-traduzzjoni mil-lingwa Gharbija ghal-lingwa Ingliza. Mir-rapport taghha, esebit a fol 33 sa 38 tal-process, debitament mahluf fit-13 ta' Marzu 2019, jirrizulta s-segwenti informazzjoni mill-Att tat-Twelid Libjan kif tradott esebit bhala Dok B a fol 7 u 8 tal-process.

**Id-data tat-twelid fic-certifikat originali**: 16 ta' Jannar 2001.

**Il-verzjoni korretta ta' isem il-wild**: Almotasm Bellah Ali Ahmed.

**Il-verzjoni korretta ta' kif ghandu jigi msejjah il-wild**: Almotasm Bellah Ali Ahmed Aburukba.

**Il-verzjoni korretta ta' isem u kunjom il-missier**: Ali Aburukba.

Jirrizulta li d-difensuri tal-partijiet, irrimettew ruhhom ghar-rapport tal-esperta traduttrici skont verbal datat 9 ta' April 2019 (fol 40).

Ikkonsidrat li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-izball peress li l-izball ma kienx dovut ghal ghemil tal-istess intimat. Ghalhekk, l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez.

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni sabiex ma tadottax il-konkluzjonijiet tal-esperta mahtura u ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent ghall-korrezzjonijiet mehtiega, izda t-tibdiliet ikunu konformi mar-rapport tal-esperta.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat ghar-ragunijiet spjegati, u tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti u tordna li jsiru korrezzjonijiet fl-Att tat-Twelid numru 4946/2012 sabiex:

1. Taht il-kolonna 'Il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena', ghandu jkun indikat bid-data 16 ta' Jannar 2001, kif rifless fit-traduzzjoni apostillata tac-certifikat tat-twelid mahrug mill-Ufficju tar-Registru Civili gewwa Tripoli.

2. Fil-kolonna 'Ismijiet moghtijin' ghandu jigi indikat l-isem "Almotasm Bellah Ali Ahmed" kif rifless fi-traduzzjoni apostillata tac-certifikat tat-twelid mahrug mill-Ufficju tar-Registru Civili gewwa Tripoli Libya.

3. Fil-kolonna 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' ghandhom jitnizzlu l-kliem "Almotasm Bellah Ali Ahmed Aburukba", kif rifless fit-traduzzjoni apostillata tac-certifikat tat-twelid mahrug mill-Ufficju tar-Registru Civili gewwa Tripoli.

4. Fil-kolonna 'Isem u kunjom missier it-tarbija' ghandu jkun hemm indikat il-kliem "Ali Aburukba", kif rifless fit-traduzzjoni apostillata tac-certifikat tat-twelid mahrug mill-Ufficju tar-Registru Civili gewwa Tripoli.

Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-Ligi, isiru d-debiti annotazzjonajiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' April 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' April 2019**